MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 802/2013

**Fl-atti tar-rikors ta` David Thake**
**(Karta tal-Identita` numru 425465M), Maryanne Thake**
**(Karta tal-Identita` Numru 563955M), Rosette Thake**
**(Karta tal-Identita` Numru 221668M) u s-socjeta`**
**Vanilla Telecoms Limited (C34939)**

**Il-Qorti :**

Fit-22 ta` Awissu 2013, ir-rikorrenti pprezentaw rikors (li kien konfermat bil-gurament mir-rikorrent David Thake) fejn inghad hekk –

*1. Illi s-socjeta` Davmar Holdings Limited bin-numru ta` registrazzjoni C109933 giet fformata u registrata fis-6 ta` Settembru tas-sena 1989 ;*

*2. Illi f`kull zmien rilevanti l-imsemmija rikorrenti David Thake, Maryanne Thake u Rosette Thake kienu l-azzjonisti ta` din is-socjeta`, filwaqt illi l-imsemmija David Thake u Rosette Thake kienu diretturi matul iz-zmijiet rilevanti ghal dan ir-rikors ;*

*3. Illi din is-socjeta` kienet originarjament direttament attiva fin-negozju izda maz-zmien naqset din l-attivita` b`mod illi l-attivita` kummercjali taghha llum jikkonsisti mis-segwenti :*

*a) Il-kumpannija hija proprjetarja ta` stabiliment kummercjali gewwa Triq Testaferrata Gzira illi hija tikri lis-socjeta` Central Landmark Developments Limited ;*

*b) Il-kumpannija hija garanti favur il-Bank of Valletta Limited ta` self moghti mill-Bank lis-socjeta` rikorrenti Vanilla Telecoms Limited u tizgura tali self b`ipoteka fuq l-imsemmi stabiliment kummercjali gewwa Triq Testaferrata Gzira ;*

*c) Il-kumpannija hija konvenuta f`kawza (Citazzjoni Numru : 47/03AF Maltacom Plc -vs- Davmar Holdings Limited) pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti ;*

*d) Il-kumpannija hija wkoll debitrici ta` self maghmula lilha mill-azzjonisti taghha ;*

*4. Illi fis-27 ta` Jannar 2012, b`applikazzjoni tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-registru.*

*5. Illi r-rikorrenti David Thake, Maryanne Thake u Rosette Thake u bhala membri u kredituri tal-kumpannija, u s-socjeta` Vanilla Telecoms Limited (C34939) illi ghandha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija thassar minn fuq ir-Registru – kif ghandhom*

*interess l-imsemmija Bank of Valletta plc u s-socjeta` Maltacom plc, ghad illi ma humiex parti f`dawn il-proceduri – jissottomettu reverentement illi huwa xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

*Ghaldaqstant u a tenur tal-istess dispozizzjonijiet tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tordna li dak l-isem tal-imsemmija kumpannija Davmar Holdings Limited bin-numru ta` registrazzjoni C10933, jerga` jidhol fir-registru, u taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar.*

Rat ir-risposta tal-intimat li kienet prezentata fis-<u>26 ta` Settembru 2013</u> (u kienet konfermata bil-gurament mill-Av. Claudette Fenech) li taqra hekk –

*Illi l-kumpannija Davmar Holdings Limited (C10933) kienet giet registrata fis-6 ta` Settembru 1989 u sussegwentement prezentat ghar-registrazzjoni d-dokumenti tal-compliance sabiex tigi regolata taht l-att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi madanakollu l-kumpannija in kwistjopni naqset ghal diversi snin milli tosserva l-obbligi u dmirijiet legali taghha taht l-istess Att. Tant hu hekk illi l-ahhar kont annwali li baghtet il-kumpannija kien igib id-data tal-31 ta` Dicembru 2000 filwaqt li l-ahhar prospett annwali kien tal-31 ta` Ottubru 2001.*

*Illi l-esponent fis-16 ta` Lulju 2010 baghat ittra lill-kumpannija fl-indirizz registrat taghha sabiex jigbdilha l-attenzjoni ghal dan in-nuqqas serju ghal zmien twil. Fl-istess ittra l-esponent spjega l-fatt illi jekk id-diretturi xtaqu*

*jzommu l-isem tal-kumpannija in kwistjoni fuq ir-registru anke jekk din ma kienetx qeghda topera jew tmexxi negozju di ghandha taghmel tajjeb ghal tali uqqas minghajr dewmien. Dina l-ittra giet lura mill-posta bin-nmota `unclaimed`.*

*Illi l-fatt li l-kumpannija in kwistjkoni baqghet ma ottemperatx ruhha mal-obbligi legali taghha bhala kump[annija ghal diversi snin kien raguni bizzejjed sabiex ir-Registratur imexxi ai termini tal-artikolu 325 ta` l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Illi l-esponent hawnhekk jixtieq umilment jissolleva illi r-referenza relevanti illi jaghti diskrezzjoni lir-Registratur biex jibda l-procedura tad-'defunct' huwa l-Artikolu 325 u mhux l-Artikolu 235 kif erronjament gie ndikat fir-rikors promotur.*

*Illi 1-esponent baghat il-korrispondenza lill-kumpannija in kwistjoni fl-indirizz registrat taghha fil-Gzira u lill-ufficjali taghha fl-indirizz residenzjali taghhom. L-ittri illi ntbaghtu fl-indirizz registrat tal-kumpannija gew lura bil-kumment `unclaimed` izda dawk illi ntbaghtu lid-diretturi ndividwali fl-indirizz personali taghhom ma gewx lura u ghalhekk wiehed jassumi illi huwa waslu ghand id-destinatarji rispettivi taghhom.*

*Illi wara illi nhargu l-avvizi preskritti mill-Artikolu 325 ta` l-Att f`gazzetta illi tohrog kuljum ir-Registratur baqa` ma rcieva ebda kommunikazzjoni fi zmien it-terminu preskritt mill-imsemmi Artikolu illi xi hadd kellu xi interess sabiex 1-isem tal-kumpannija Davmar Holdings Limited (C 10933) ma jithassarx minn fuq ir-registru.*

*Illi ghalhekk 1-intimat Registratur ipproceda bil-pubblikazzjoni ta` avviz illi 1-isem tal-kumpannija in*

*kwistjoni kien ie mtiassar minn fuq ir-Registru b` effett mis-27 ta` Jannar 2012.*

*Illi fil-kaz odjern ir-rikorenti qeghdin jistitwixxu dawn il-proceduri quddiem dina 1-Onorabbli Qorti sabiex l-isem tal-kumpannija Davmar Holdings Limited (C 10933) jerga` jitqieghed fuq ir-Registru. Dan fuq il-premessa illi huma ghad ghandhom proprjeta` immobli registrata f`isem il-kumpannija li skond ir-rikors promotur din il-proprjeta` ilha mikrija lil socjeta` ohra illi isimha proprja huwa Central Landmark Development Ltd. (C 34858) u mhux Landmark Developments Limited kif indikat fir-rikors. Barraminhekk l-kumpannija Davmar Holdings Limited hija wkoll garanti, debitrici kif ukoll konvenuta fi proceduri gudizzarji ohra.*

*Illi r-Registratur qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija Davmar Holdings Limited (C 10933) jerga` jitqieghed fuq ir-Registru. Dan billi l-kumpannija, l-ufficjali taghha kif ukoll il-kredituri taghha kellhom zgur bizzejjed zmien biex joggezzjonaw ghat-thassir ta` 1-isem taghha minn fuq ir-registru kemm qabel kif ukoll wara l-korrispondenza kollha mibghuta u wara l-pubblikazzjonijiet illi saru skond il-ligi fit-terminu stabbilit bil-ligi.*

*Illi madanakollu u bl-ebda pregudizzju ghas-suespost jekk dina 1-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun illi tilqa` t-talba kif maghmula mir-rikorrenti sabiex l-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-registru, ir-Registratur umilment jissolleva illi fis-sentenza taghha 1-Qorti ghandha taghti dawk id-direzzjonijiet u dawk il-provvedimenti illi jidhrilha xierqa fic-cirkostanzi tal-kaz odjern biex il-kumpannija u terzi persuni jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista` jkun qrib dik illi kieku 1-isem tal-kumpannija qatt ma kien thassar. illi ghalhekk l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet tal-kumpannija u ta` l-ufficjali taghha jergghu jigu fis-sehh daqs illi kieku 1-isem tal-kumpannija qatt ma thassar skond l-Artikolu 325 ta` l-Att.*

*Illi ghaldaqstant ir-Registratur tal-Kumpanniji jissolleva illi jekk dina l-Onorabbli Qorti thoss illi hu xieraq illi 1-isem tal-kumpannija jerga` jitqieghed fuq ir-Registru fis-sentenza taghha ghandha wkoll taghti dawk id-direttivi lill-kumpannija u l-ufficjali taghha sabiex jiehdu hsieb jibghatu d-dokumentazzjoni illi qatt ma ntbaghtet lir-Registratur inkluz prospetti annwali u kontijiet annwali u jithallsu l-penalitajiet koliha dovuti lir-Registratur. Dan sabiex jigi evitat illi jitpoggew lura fuq ir-Registru kumpanniji b`nuqqasijiet kbar vis-a vis l-Att dwar il-Kumpanniji 1995.*

*Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-verbali tal-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2013.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentaw ir-rikorrenti fis-26 ta` Novembru 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2013 fejn kien dikjarat illi fil-mori tal-kawza r-rikorrenti kienu rregolaw ruhhom bis-shih fir-rigward ta` kull pendenza li l-kumpannija Devmar Holdings Limited kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji. B`hekk illum l-istess kumpannija m`ghandhiex pendenzi mal-intimat. Id-difensur tal-intimat iddikjarat li l-intimat mhux qieghed jopponi illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fl-ghoti tal-provvediment tal-lum, din il-Qorti sejra tqis illi sa mill-ewwel appuntament tal-kawza u cioe` l-udjenza tal-14 ta` Ottubru 2013 ir-rikorrenti wrew disponibilita` li jassikuraw li kwalsiasi pendenza li l-kumpannija kellha mar-Registratur tal-Kumpanniji tigi regolarizzata **qabel** ma din il-Qorti tiddeciedi jekk takkordax inkella le t-talba taghhom kif dedotta fir-rikors promotorju. Ir-rikorrenti baqghu jsostnu d-disponibilita` taghhom konkretament anke wara, sa ma ffinalizzaw l-pendenzi kollha taghhom (kollox inkluz u xejn eskluz) mar-Registratur tal-Kumpanniji, kif kien konfermat fl-udjenza tat-12 ta` Dicembru 2013. Kien propju ghalhekk illi r-Registratur tal-Kumpanniji ma baqax jopponi illi l-isem tal-kumpannija de qua jerga` jitqieghed fuq ir-Registru.

Din il-Qorti trid tghid illi l-Art.325 tal-Kap.386 jirregola l-imgieba tar-Registratur tal-Kumpanniji f`sitwazzjonijiet fejn kollox ikun jindika li kumpannija ma tkunx qeghda topera. Minn dak li rrizulta b`mod komplessiv fil-kawza tal-lum, din il-Qorti ma ssib propju xejn x`ticcensura fil-mod kif gab ruhu l-intimat. Se mai kull nuqqas kien imputabbli lill-kumpannija, li taghha r-rikorrenti (jew min minnhom) kienu l-azzjonisti u d-diretturi, inkluz fejn si tratta tal-adempiment tal-obbligi taghha skond il-ligi.

Is-subinciz (4) tal-Art 325 tal-Kap 386 huwa dak rilevanti biex jirregola s-sitwazzjoni li jipprezentaw il-fatti ta` din il-kawza.

Jaqra hekk –

*Jekk membru jew kreditur tal-kumpannija, jew xi persuna ohra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li thossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun thassar minn fuq ir-Registru bis-sahha ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors maghmul mill-membru jew kreditur jew*

*minn dik il-persuna l-ohra, qabel ma jghaddu hames snin mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz tat-thassir … tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru, tordna li dak l-isem jerga` jidhol fir-registru, u mal-konsenja ta' kopja ufficjali ta' l-ordni mir-Registratur tal-Qrati lir-Registratur ghar-registrazzjoni, il-kumpannija ghandha titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqslikieku isimha ma kienx thassar, u l-Qorti tista' bl-ordni taghha taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpannija u l-persuni l-ohra kollha jitqieghdu fl-istess pozizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-kumpannija ma jkunx thassar. Ir-Registratur ghandu minnufih jghaddi biex jippubblika avviz fil-Gazzetta jew fuq website mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha tkun ghal kollox jew principalment f`Malta u l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.*

Fil-kaz tal-lum, mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti ghandhom interess jippromwovu din l-istanza. Din il-Qorti tinnota li r-rikorrenti kienu pronti u hadu azzjoni skond l-Art 325(4) tal-Kap 386 wara l-pubblikazzjoni tal-avviz mir-Registratur. Din il-Qorti qieset il-fatti u c-cirkostanzi ta` l-kaz, partikolarment dak illi xpruna lir-rikorrenti sabiex jiehdu azzjoni, u tghid illi hija sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru. Hija hekk sodisfatta wkoll ghaliex kif kien rilevat mir-rapprezentant legali tal-intimat illum l-atti li s-socjeta` kellha tibghat lir-Registratur skond il-ligi llum huma regolarizzati, u kull dritt jew penali dovuti lir-Registratur huwa saldat tant illi llum l-intimat mhuwiex kontra li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-registru.

**Din il-Qorti tinsisti mar-rikorrenti li bil-fatt illi sejra tordna li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru b`ebda mod ma ghandu jfisser illi l-ufficjali tal-kumpannija – kemm jekk ikunu r-rikorrenti stess (jew min minnhom) inkella jekk ikun haddiehor – ma qeghdin jinghataw xi *carte blanche* sabiex mill-ghada li l-isem tal-kumpannija jerga` jidhol fir-Registru jkunu**

**jistghu jaghmlu li jridu u jittraskuraw ghal kollox l-obbligi taghhom skond il-ligi. Ghaliex jekk dan jigri mill-gdid, minghajr l-ebda raguni valida, gustifikata jew li taghmel sens, din il-Qorti certament tahsibha xort`ohra u mhux sejra tonqos milli tezercita d-diskrezzjoni taghha diversament. *Del resto* il-Qorti trid taccerta ruhha li bil-fatt illi l-isem jerga` jidhol fir-Registru, il-kumpannija tkun qeghda tidhol lura fil-binarji tar-regolarita` u tal-legalita` minghajr ma jkun hemm ghalfejn li r-Registratur tal-Kumpanniji jkun kostrett jagixxi minhabba l-inadempjenzi taghha jew tal-ufficjali taghha.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti billi –**

**1) Tordna li l-isem Davmar Holdings Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C10933 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex sa zmien sebat ijiem mil-lum jikkonsenja lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Davmar Holdings Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C10933 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, sa zmien sebat ijiem mid-data li fiha tkun konsenjata lilu mir-Registratur tal-Qrati kopja ufficjali ta` l-ordni li permezz taghha l-isem Davmar Holdings Limited li kien abbinat mal-kumpannija li kellha n-Numru ta` Registrazzjoni C10933 jerga` jidhol fir-Registru tal-Kumpanniji, jippubblika avviz fil-Gazzetta tal-Gvern jew fuq *website* mizmuma mir-Registratur u f'gazzetta li tohrog kuljum li c-cirkolazzjoni taghha**

**tkun ghal kollox jew principalment f`Malta fejn jghid illi l-isem tal-kumpannija Davmar Holdings Limited (C10933) rega` dahal fir-registru.**

**4) Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, u kwalsiasi spejjez ohra li jkunu mehtiega sabiex l-isem tal-kumpannija Davmar Holdings Limited (C10933) jerga` jidhol fir-Registru.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------